VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 21 tal-2017

ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI
(KAP. 217)

Regolamenti tal-2017 dwar il-Kondizzjonijiet għad-Dħul u s-Soġġorn ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi għall-Fini ta' Impjieg bħala Ħaddiema Staġjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

TAQSIMA I

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Titolu u kamp ta' applikazzjoni.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2017 dwar il-Kondizzjonijiet għad-Dħul u s-Soġġorn ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi għall-Fini ta' Impjieg bħala Ħaddiema Staġjonali.

(2) Dawn ir-regolamenti jittrasponu d-Direttiva tal-Kunsill 2014/36/UE tas-26 ta' Frar 2014 dwar il-kondizzjonijiet għad-dħul u s-soġġorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjieg bħala ħaddiema staġonali.

(3) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jiddetermina il-kondizzjonijiet għad-dħul u s-soġġorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal-fini ta' impjieg bħala ħaddiema staġonali, filwaqt li jiddetermina d-drittijiet ta' l-imsemmija ħaddiema:

Iżda għal soġġorni li ma jaqbżux disgħin jum, dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għall-*acquis* ta' Schengen.

Tifsir.

2. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti:

"Att" tfisser l-Att dwar l-Immigrazzjoni; Kap. 217.

"attività li tiddependi mill-mogħdija tal-istaġuni" tfisser attività li hija marbuta ma' ċertu żmien tas-sena permezz ta' avveniment rikorrenti jew sensiela ta' avvenimenti marbuta ma' kondizzjonijiet staġonali li matulhom il-livelli ta' ħaddiema meħtieġa huma sinifikattivament ogħla minn dawk neċessarji għall-operazzjonijiet kontinwi tas-soltu;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"awtorizzazzjoni għall-fini ta' xogħol staġonali" tfisser kwalunkwe waħda mill-awtorizzazzjonijiet imsemmijin fir-regolament 11 li tintitola lid-detentur tagħhom biex joqgħod u jaħdem f'Malta;

"Bord" tfisser il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni skont l-artikolu 25A tal-Att;

"*Chairperson* Eżekuttiv" tfisser iċ-*Chairperson* Ezekuttiv tal-
L.S. 497.07 Aġenzija Identità Malta, stabbilita bl-Ordni li Jwaqqaf l-Aġenzija Identità Malta, jew uffiċjal anzjan tagħha delegat għal san il-għan;

"ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser kwalunkwe persuna li ma tkunx ċittadin tal-Unjoni Ewropea, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Unjoni", fis-sens tal-Artikolu 20(1) TFUE;

"ħaddiem staġonali" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz li jżomm il-post ta' residenza principali tiegħu jew tagħha f'pajjiż terz u jkun joqgħod legalment u temporanjament f'Malta biex iwettaq attività li tiddependi mill-mogħdija tal-istaġuni, skont kuntratt tax-xogħol wieħed jew aktar b'terminu fiss konkluż(i) direttament bejn dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz u l-persuna li tħaddem:

Iżda dik l-attività għandha tkun esklussivament waħda minn dawn li ġejjin: ospitabiltà, agrikoltura u akwakultura marina;

"Kodiċi tal-Visa" tfisser ir-Regolament (KE) 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju tal-Viżi;

"permess ta' ħaddiem staġonali" tfisser awtorizzazzjoni maħruga bl-użu tal-format stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 li jirreferi għal xogħol staġonali u li jintitola lid-detentur tiegħu li joqgħod u jaħdem f'Malta għal soġġorn li jaqbeż id-disgħin jum taħt it-termini ta' dawn ir-regolamenti;

"permess tax-xogħol" tfisser liċenza għal impjieg maħruġa skont l-artikolu 11(3) tal-Att;

"proċedura unika ta' applikazzjoni" tfisser procedura li twassal, abbażi ta' applikazzjoni waħda għall-awtorizzazzjoni ta' soġġorn u tax-xogħol ta' ċittadin ta' pajjiż terz f'Malta, għal deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal permess ta' ħaddiem staġonali;

"viża għal soġġorn qasir" tfisser awtorizzazzjoni maħruġa kif prevista fil-punt (2)(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament KE 810/2009 (Kodiċi dwar il-Viżi);

VERŻJONI ELETTRONIKA

"Viża għal soġġorn twil" tfisser awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet pertinenti ta' Malta kif previst fl-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen.

Applikabilità ta' dawn ir-regolamenti.

3. (1) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu barra mit-territorju ta' Malta u li japplikaw biex ikunu ammessi, jew li ġew ammessi f'Malta skont dawn ir-regolamenti għall-fini ta' impjieg bħala ħaddiema staġonali.

(2) Dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li:

(a) meta jipprezentaw l-applikazzjoni jkunu jirrisjedu f'Malta bl-eċċezzjoni tal-każijiet imsemmijin fir-regolament 14;

(b) jwettqu attivitajiet f'isem impriżi stabbiliti f'Malta jew fi Stat Membru ieħor fil-qafas tal-forniment ta' servizzi fis-sens tal-Artikolu 56 TFUE, inklużi ċittadini ta' pajjiżi terzi kollokati minn impriżi stabbiliti fil-qafas tal-forniment ta' servizzi skont ir-Regolamenti dwar Impjegati Stazzjonati f'Malta; L.S. 452.82

(ċ) huma membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li eżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu fl-Unjoni, f'konformità mad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE u l-Ordni dwar il-Moviment Liberu ta' Ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tal-Membri tal-Familji tagħhom; L.S. 460.17

(d) għandhom, flimkien mal-membri tal-familja tagħhom, u irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, drittijiet ta' moviment liberu ekwivalenti għal dawk taċ-ċittadini tal-Unjoni skont ftehmiet bejn l-Unjoni u l-Istati Membri taghha, jew bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi.

VERŻJONI ELETTRONIKA

TAQSIMA II

Kondizzjonijiet ta' Ammissjoni

Kriterji u rekwiżiti għall-ammissjoni għall-finijiet ta' impjieg bħala ħaddiema staġonali għal soġġorni li ma jaqbżux disgħin jum.

4. (1) L-applikazzjonijiet għal ammissjoni f'Malta skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom jiġu preżentati, lill-awtoritajiet responsabbli mil-ħruġ tal-permess tax-xogħol, miċ-ċittadin tal-pajjiż terz u kontrofirmati mill-persuna li tħaddem f'Malta.

(2) L-applikazzjonijiet għandu jkollhom magħhom:

(a) kuntratt validu ta' xogħol, jew offerta vinkolanti ta' impjieg għal xogħol bħala ħaddiem staġonali f'Malta ma' persuna li tħaddem stabbilita li jispeċifikaw:

(i) il-post u t-tip ta' xogħol;

(ii) it-tul tal-impjieg;

(iii) ir-remunerazzjoni;

(iv) is-sigħat ta' xogħol kull ġimgħa jew xahar;

(v) l-ammont ta' kwalunkwe *leave* imħallas;

(vi) fejn applikabbli, kondizzjonijiet ta' xogħol rilevanti oħra; u

(vii) jekk possibbli, id-data meta jibda l-impjieg;

(b) evidenza tal-akkwist ta', jew li tkun saret applikazzjoni għal, assigurazzjoni kontra il-mard għar-riskji kollha li normalment ikopru liċ-ċittadini ta' Malta għall-perijodi li fihom il-kopertura mit-tali assigurazzjoni u d-dritt għall-benefiċċji korrespondenti huma pprovduti b'konnessjoni max-xogħol, jew bħala riżultat tax-xogħol li jkun qed isir f'Malta;

(ċ) evidenza li l-ħaddiem staġonali ser ikollu akkomodazzjoni xierqa jew li ser tiġi pprovduta akkomodazzjoni xierqa, skont ir-regolament 18.

(3) Il-kondizzjonijiet imsemmija fis-subregolament 1(a) għandhom jkunu konformi mal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, ir-Regolamenti dwar Trattamenti Ugwali fl-Impiegi, ftehimiet kollettivi u, jew il-prassi.

Kap. 452.
L.S. 452.95

(4) Fuq il-bażi tad-dokumentazzjoni pprovduta skont is-subregolament (1), l-awtoritajiet għandhom jesiġu li l-ħaddiem

VERŻJONI ELETTRONIKA

staġonali jkollu rizorsi sufficenti biex imantni lilu nnifsu u ma jkollu ebda rikors ghas-sistemi tal-assistenza socjali.

(5) Fil-każijiet fejn fil-kuntratt tax-xogħol jew fl-offerta vinkolanti għal impjieg ikun specifikat li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ser jeżerċita professjoni regolata, kif imfissra fir-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali, l-applikant jista' jintalab sabiex jipprezenta dokumentazzjoni li tiċċertifika li jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti għall-eżerċizzju ta' dik il-professjoni regolata. L.S. 451.03

Kriterji għall-ammissjoni għal soġġorni li jaqbżu d-disħin jum.

5. (1) Id-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (2) sa (5) tar-regolament 4 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal ħaddiema staġonali li l-impjieg tagħhom f'Malta jaqbeż id-disgħin jum.

(2) L-applikazzjonijiet għal ammissjoni f'Malta skont dan ir-regolament għandhom jiġu preżentati liċ-*Chaiperson* Eżekuttiv hekk kif mitlub fir-regolament 12.

(3) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv b'konsultazzjoni mal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, għandu jivverifika li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jippreżentax riskju ta' immigrazzjoni illegali u li hu jew hi huma bi ħsiebhom jitilqu minn Malta l-aktar tard fid-data tal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni.

(4) Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jkollu fil-pussess tiegħu dokument tal-ivvjaġġar li jkun validu. Il-perijodu ta' validità tad-dokument tal-ivvjaġġar għandu jkopri mill-inqas il-perijodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni għall-fini ta' xogħol staġonali:

Iżda ċ-*Chairperson* Eżekuttiv jista' jesiġi li:

(a) il-perijodu ta' validità jaqbeż iż-żmien maħsub ta' soġġorn b'massimu ta' tliet xhur;

(b) id-dokument tal-ivvjaġġar ikun inħareġ fl-aħħar għaxar snin; u

(ċ) id-dokument tal-ivvjaġġar ikollu mill-inqas żewġ paġni vojta.

(5) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma kkunsidrati bħala theddida għall-ordni pubbliku, is-sigurtà pubblika jew is-saħħa pubblika m'għandhomx jiġu ammessi.

Volumi ta' ammissjoni.

6. Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-fini ta' xogħol staġonali għandha titqies inammissibbli jew tiġi rifjutata fuq bażi ta'

VERŻJONI ELETTRONIKA

konsiderazzjonijiet skont is-suq tax-xogħol mill-awtoritajiet responsabbli għall-ħruġ ta' permessi tax-xogħol fil-każ ta' soġġorni li ma jaqbżux id-disgħin jum jew miċ-*Chairperson* Eżekuttiv, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet pertinenti responsabbli għal materji dwar impjiegi fil-każ ta' soġġorni li jaqbżu d-disgħin jum.

Raġunijiet għal rifjut.

7. (1) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jew l-awtoritajiet responsabbli għall-ħruġ ta' permessi tax-xogħol, skont il-każ, kif ikun il-każ, għandhom jirrifjutaw applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-fini ta' xogħol staġonali fejn:

(a) ma jkunx hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 4 jew 5; jew

(b) id-dokumenti ppreżentati għall-fini tar-regolamenti 4 jew 5 jkunu nkisbu bi frodi, jew huma ffalsifikati, jew imbagħbsa.

(2) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jew l-awtoritajiet responsabbli għall-ħruġ ta' permessi tax-xogħol, skont il-każ, għandhom jirrifjutaw applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-fini ta' xogħol staġonali fejn:

(a) il-persuna li tħaddem ġiet sanzjonata għal xogħol mhux iddikjarat u, jew impjieg illegali;

(b) in-negozju tal-persuna li tħaddem qed jiġi jew ġie xolt skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Att dwar il-Kumpanniji u l-Kodiċi tal-Kummerċ jew ma tkunx qed issir ebda attività ekonomika; jew;

Kap. 386.
Kap. 13.

(ċ) il-persuna li tħaddem tkun ġiet sanzjonata taħt ir-regolament 16.

(3) (a) Qabel ma jieħdu deċiżjoni fuq applikazzjoni għall-fini ta' xogħol staġonali, iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jew l-awtoritajiet responsabbli għall-ħruġ ta' permessi tax-xogħol, skont il-każ, għandhom jikkonsultaw mal-awtoritajiet pertinenti responsabbli għal materji dwar impjiegi sabiex jivverifikaw jekk il-pożizzjoni vakanti inkwistjoni tistax timtela minn:

(i) ċittadini Maltin; jew

(ii) ċittadini oħrajn tal-Istati Membri tal-Unjoni; jew

(iii) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment f'Malta.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jew l-awtoritajiet responsabbli għall-ħruġ ta' permessi tax-xogħol, skont il-każ, għandhom jirrifjutaw l-applikazzjoni kemm-il darba l-pożizzjoni vakanti tista hekk timtela.

(4) Id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (3) għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni kif stabbilit fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Atti rilevanti ta' Adeżjoni.

(5) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jew l-awtoritajiet responsabbli għall-ħruġ ta' permessi tax-xogħol, skont il-każ, jistgħu jirrifjutaw applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-fini ta' xogħol staġonali fejn:

(a) il-persuna li tħaddem tkun naqset milli tissodisfa l-obbligi legali tagħha rigward is-sigurtà soċjali, it-tassazzjoni, id-drittijiet tax-xogħol, il-kondizzjonijiet tax-xogħol jew it-termini ta' impjieg, kif previst fil-liġijiet u, jew ftehmiet kollettivi li jkunu applikabbli; jew

(b) fi żmien it-tnax-il xahar li minnufih jippreċedu d-data tal-applikazzjoni, il-persuna li tħaddem tkun eliminat pożizzjoni *full-time* sabiex toħloq pożizzjoni vakanti li l-persuna li tħaddem tkun qed tipprova timla' bl-użu ta' dawn ir-regolamenti; jew

(ċ) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx osserva l-obbliġi li jirriżultaw minn deċiżjoni preċedenti ta' ammissjoni bħala ħaddiem staġonali.

(6) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), kwalunkwe deċiżjoni ta' rifjut ta' applikazzjoni għandha tikkonsidra ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, inklużi l-interessi tal-ħaddiem staġonali, u għandha tirrispetta l-prinċipju ta' proporzjonalità.

(7) Ir-raġunijiet għal rifjut tal-ħruġ ta' viża għal soġġorn qasir huma regolati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

Irtirar tal-awtorizzazzjoni għall-fini ta' xogħol staġonali.

8. (1) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jew l-awtoritajiet responsabbli għall-ħruġ ta' permessi tax-xogħol, skont il-każ, għandhom jirtiraw l-awtorizzazzjoni għall-fini ta' xogħol staġonali fejn:

(a) id-dokumenti ppreżentati għall-fini tar-regolamenti 4 jew 5 kienu nkisbu bi frodi, jew kienu ffalsifikati, jew imbagħbsa; jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) id-detentur ikun qed joqgħod fil-pajjiż għal finijiet li mhumiex dawk li għalihom hu kien awtorizzat li joqgħod.

(2) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jew l-awtoritajiet responsabbli għall-ħruġ ta' permessi tax-xogħol, skont il-każ, għandhom, jekk ikun xieraq, jirtiraw l-awtorizzazzjoni għall-fini ta' xogħol staġonali fejn:

(a) il-persuna li tħaddem ġiet sanzjonata għal xogħol mhux iddikjarat u, jew impjieg illegali;

(b) in-negozju tal-persuna li tħaddem qed jiġi jew ġie xolt skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Att dwar il-Kumpanniji u l-Kodiċi tal-Kummerċ jew ma tkunx qed issir ebda attività ekonomika;

Kap. 386.
Kap. 13.

(ċ) il-persuna li tħaddem ġiet sanzjonata taħt ir-regolament 16.

(3) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jew l-awtoritajiet responsabbli għall-ħruġ ta' permessi tax-xogħol, skont il-każ, jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni għall-fini ta' xogħol staġonali fejn:

(a) m'għadx hemm iżjed konformità mad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 4 jew 5; jew

(b) il-persuna li tħaddem tkun naqset milli tissodisfa l-obbliġi legali tagħha rigward is-sigurtà soċjali, it-tassazzjoni, id-drittijiet tax-xogħol, il-kondizzjonijiet tax-xogħol jew it-termini ta' impjieg, kif previst fil-liġijiet applikabbli u, jew fi ftehimiet kollettivi; jew

(ċ) il-persuna li tħaddem ma wettqitx l-obbliġi tagħha taħt il- kuntratt tax-xogħol; jew

(d) fi żmien it-tnax-il xahar li minnufih jippreċedu d-data tal-applikazzjoni, il-persuna li tħaddem eliminat pożizzjoni *full-time* sabiex toħloq pożizzjoni vakanti li persuna li tħaddem tkun qed tipprova timla' bl-użu ta' dawn ir-regolamenti.

(4) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jew l-awtoritajiet responsabbli għall-ħruġ ta' permessi tax-xogħol, skont il-każ, jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni għall-fini ta' xogħol staġonali jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz japplika għal protezzjoni internazzjonali taħt l-Att dwar ir-Refugjati jew għal protezzjoni f'konformità mal-liġi nazzjonali, l-obbliġi internazzjonali jew il-politika nazzjonali.

Kap. 420.

(5) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), kwalunkwe deċiżjoni biex tiġi rtirata l-

VERŻJONI ELETTRONIKA

awtorizzazzjoni għandha tikkunsidra ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, inklużi l-interessi tal-ħaddiem staġonali, u tirrispetta l-prinċipju ta' proporzjonalità.

(6) Ir-raġunijiet għal rifjut jew revoka ta' viża għal soġġorn qasir huma regolati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

Obbligu ta' koperazjoni.

9. Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jew l-awtoritajiet responsabbli għall-ħruġ ta' permessi tax-xogħol, skont il-każ, għandhom jesiġu mill-persuna li tħaddem biex tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa għall-ħruġ, l-estensjoni jew it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-fini ta' xogħol staġonali.

TAQSIMA III

Proċedura u Awtorizzazzjonijiet għall-Fini ta' Xogħol Staġonali

Aċċess għall-informazzjoni.

10. (1) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jew l-awtoritajiet responsabbli għall-ħruġ ta' permessi tax-xogħol, skont il-każ, għandhom jagħmlu aċċessibbli faċilment lill-applikanti l-informazzjoni dwar l-evidenza dokumentarja kollha meħtieġa għal applikazzjoni u l-informazzjoni dwar id-dħul u s-soġġorn, inklużi d-drittijiet u l-obbliġi u s-salvagwardji proċedurali tal-ħaddiem staġonali.

(2) Meta ċ-*Chairperson* Eżekuttiv jew l-awtoritajiet responsabbli għall-ħruġ ta' permessi tax-xogħol, skont il-każ, joħorġu awtorizzazzjoni għall-fini ta' xogħol staġonali lil ċittadin ta' pajjiżi terzi, huma għandhom jipprovdu wkoll informazzjoni bil-miktub dwar id-drittijiet u l-obbliġi ta' ħaddiema staġonali, inklużi l-proċeduri dwar ilmenti.

Awtorizzazzjonijiet għall-fini ta' xogħol staġonali.

11. (1) Għal soġġorni li ma jaqbżux id-disgħin jum, għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jikkonformaw mar-regolament 4 u ma jaqgħux taħt ir-raġunijiet stabbiliti fir-regolament 7, għandha tinħareġ, mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-ħruġ ta' viżi għal soġġorn qasir kif stipulat fil-Kodiċi dwar il-Viżi u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/95:

(a) viża għal soġġorn qasir u permess tax-xogħol li jindikaw li huma maħruġa għall-fini ta' xogħol staġonali; jew

(b) permess tax-xogħol li jindika li huwa maħruġ għall-fini ta' xogħol staġonali, fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun eżentat mir-rekwiżit ta' viża f'konformità mal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 539/2001.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Għal soġġorni li jaqbżu d-disgħin jum, lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jikkonformaw mar-regolament 5 u ma jaqgħux taħt ir-raġunijiet stabbiliti fir-regolament 7, għandha tinħareġ viża għal soġġorn twil u permess ta' xogħol:

Iżda l-faċilitazzjoni għal viża għandha tingħata f'dan il-kuntest meta il-viża tkun tinħtieġ sabiex il-persuna tidħol f'Malta.

(3) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv għandu joħroġ il-permess għal xogħol staġonali billi juża il-format stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1030/2002.

(4) Fil-każ ta' viżi għal soġġorn twil, għandha tiddaħħal referenza li tiddikjara li din hija maħruġa għall-fini ta' xogħol staġonali taħt l-intestatura 'kummenti' fuq l-istiker tal-viża f'konformità mal-punt 12 tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1683/95.

(5) Fil-każ ta' permess għal xogħol staġonali, iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jistgħa jindika informazzjoni addizzjonali relatata mar-relazzjoni ta' impjieg tal-ħaddiem staġonali f'format ta' karta, jew jaħżen tali *data* f'format elettroniku kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1030/2002 u fil-punt 16(a) tal-Anness għalih.

Applikazzjonijiet għall-permess ta' ħaddiema staġonali.

12. Applikazzjoni għal permess ta' ħaddiem staġonali għandha tiġi ppreżentata liċ-*Chaiperson* Eżekuttiv fi proċedura unika ta' applikazzjoni miċ-ċittadin ta' pajjiż terz u kontrofirmata mill-persuna li tħaddem.

Perjodu ta' żmien ta' soġġorn.

13. Il-perjodu massimu ta' soġġorn għal ħaddiema staġonali għandu jkun mhux aktar minn disa' xhur fi kwalunkwe perjodu ta' tnax-il xahar. Wara dak il-perjodu, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jħalli t-territorju ta' Malta:

Iżda dan sakemm ma nħariġx permess ta' residenza skont il-liġi nazzjonali għal finijiet oħra minbarra xogħol staġonali.

Estensjoni tas-soġġorn jew tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-finijiet ta' xogħol staġonali.

14. (1) Fil-perijodu massimu msemmi fir-regolament 13 u diment li d-dispożizzjoinijiet tar-regolamenti 4 jew 5 jiġu sodisfatti u r-raġunijiet stipulati fir-regolament 7(1)(b), fir-regolament 7(2) u, jekk applikabbli, fir-regolament 7(5) mhumiex sodisfatti, il-ħaddiema staġonali għandhom jingħataw estensjoni waħda tas-soġġorn tagħhom, fir-rigward tal-kuntratt tagħhom mal-istess persuna li tħaddem.

(2) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jew l-awtoritajiet responsabbli għall-ħruġ ta' permessi tax-xogħol, skont il-każ, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet pertinenti responsabbli għal materji dwar impjiegi,

VERŻJONI ELETTRONIKA

jistgħu jiddeċiedu li jħallu lill-ħaddiema staġonali jestendu l-kuntratt tagħhom mal-istess persuna li tħaddem u s-soġġorn tagħhom aktar minn darba waħda, dment li l-perijodu massimu msemmi fir-regolament 13 ma jinqabiżx.

(3) Fil-perijodu massimu msemmi fir-regolament 13 u diment li r-regolamenti 4 jew 5 jiġu sodisfatti u r-raġunijiet stipulati fir-regolament 7(1)(b), fir-regolament 7(2), u jekk applikabbli, fir-regolament 7(5) mhumiex sodisfatti, iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jew l-awtoritajiet responsabbli għal ħruġ tal-permess tax-xogħol, skont il-każ, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet pertinenti responsabbli għal materji dwar impjiegi, jistgħu jippermettu lill-ħaddiema staġonali estensjoni waħda tas-soġġorn tagħhom biex ikunu impjegati ma' persuna differenti li tħaddem.

(4) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jew l-awtoritajiet responsabbli għal ħruġ tal-permess tax-xogħol, skont il-każ, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet pertinenti responsabbli għal materji dwar impjiegi, jistgħu jiddeċiedu, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, li jippermettu lill-ħaddiema staġonali jiġu impjegati minn persuna differenti li tħaddem u li jestendu s-soġġorn tagħhom aktar minn darba waħda, dment li l-perijodu massimu msemmi fir-regolament 13 ma jinqabiżx.

(5) Għall-finijiet tas-subregolamenti (1), (2), (3) u (4), iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jew l-awtoritajiet responsabbli għall-ħruġ ta' permessi tax-xogħol, skont il-każ, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet pertinenti responsabbli għal materji dwar impjiegi, għandhom jaċċettaw il-preżentazzjoni ta' applikazzjoni meta l-ħaddiem staġonali ammess taħt dawn ir-regolamenti qiegħed fit-territorju ta' Malta.

(6) (a) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jew l-awtoritajiet responsabbli għall-ħruġ ta' permessi tax-xogħol, skont il-każ, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet pertinenti responsabbli għal materji dwar impjiegi, għandhom jirrifjutaw li jestendu s-soġġorn jew li jġeddu l-awtorizzazzjoni għall-fini ta' xogħol staġonali meta l-post vakanti inkwistjoni jista' jimtela minn ċittadini ta' Malta jew minn ċittadini oħrajn tal-Unjoni, jew minn ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment f'Malta.

(b) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tal-preferenza għal ċittadini tal-Unjoni kif espress fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Atti rilevanti ta' Adeżjoni.

(7) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jew l-awtoritajiet responsabbli

VERŻJONI ELETTRONIKA

għall-ħruġ ta' permessi tax-xogħol, skont il-każ, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet pertinenti responsabbli għal materji dwar impjiegi, għandhom jirrifjutaw li jestendu s-soġġorn jew li jġeddu l-awtorizzazzjoni għall-fini ta' xogħol staġonali fejn ikun intlaħaq il-perjodu massimu ta' soġġorn kif imfisser fir-regolament 13.

(8) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jew l-awtoritajiet responsabbli għal ħruġ tal-permess tax-xogħol, skont il-każ, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet pertinenti responsabbli għal materji dwar impjiegi, jistgħu jirrifjutaw li jestendu s-soġġorn jew li jġeddu l-awtorizzazzjoni għall-fini ta' xogħol staġonali maħruġa jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz japplika għal protezzjoni internazzjonali skont leġislazzjoni rigward il-kwalifika tal-ażil għal benefiċċjarji tal-protezzjoni internazzjonali jew skont l-Att dwar ir-Rifuġjati, jew jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz japplika għal protezzjoni skont l-Att ta' Refuġjati jew l-obbliġi internazzjonali.

Kap. 420.

(9) Id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8(2), (3)(b), (3)(ċ) u (3)(d) ma għandhomx japplikaw għal ħaddiem staġonali li japplika biex jiġi impjegat minn persuna differenti li tħaddem f'konformità mas-subregolament (3) meta dawk id-dispożizzjonijiet japplikaw għall-persuna li tħaddem preċedenti.

(10) Ir-raġunijiet għal estensjoni ta' viża għal soġġorn qasir huma regolati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

(11) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 7(1), kwalunkwe deċiżjoni dwar applikazzjoni għal estensjoni jew tiġdid għandha tikkunsidra ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, inklużi l-interessi tal-ħaddiem staġonali, u għandha tirrispetta l-prinċipju ta' proporzjonalità.

Faċilitar ta' dħul mill-ġdid.

15. (1) Ċittadini ta' pajjiżi terzi li kienu ammessi f'Malta bħala ħaddiema staġonali mill-anqas darba waħda fil-ħames snin preċedenti, u li jirrispettaw bis-sħiħ il-kondizzjonijiet applikabbli għal ħaddiema staġonali skont dawn ir-regolamenti matul kull soġġorn tagħhom għandu jkollhom faċilitar ta' dħul mil-ġdid.

(2) Il-faċilitazzjoni msemmija fis-subregolament (1) tista' tinkludi miżura waħda jew aktar miżuri, bħal:

(a) l-għoti ta' eżenzjoni mir-rekwiżit ta' preżentazzjoni ta' dokument wieħed jew aktar mid-dokumenti msemmija fir-regolamenti 4 jew 5;

(b) proċedura aċċellerata li twassal għal deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal permess ta' ħaddiem staġonali jew viża għal soġġorn twil;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) prijorità fl-analiżi tal-applikazzjonijiet għall-ammissjoni bħala ħaddiem staġonali inkluża l-kunsiderazzjoni ta' ammissjonijiet preċedenti meta tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet fir-rigward tal-eżawriment tal-volumi tal-ammissjoni.

Sanzjonijiet kontra min iħaddem.

16. (1) Persuni li ma ssodisfawx l-obbligi tagħhom taħt dawn ir-regolamenti u, jew jonqsu milli jevitaw abbużi possibbli jkunu ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti u jeħlu, meta jinsabu ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000).

(2) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jew l-awtoritajiet responsabbli għall-ħruġ ta' permessi tax-xogħol, skont il-każ, għandhom jiżguraw li, jekk l-awtorizzazzjoni għall-fini ta' xogħol staġonali tiġi rtirata f'konformità mar-regolament 8(2), (3)(b), (3)(ċ) u (3)(d), min iħaddem għandu jkun suġġett li jħallas kumpens lill-ħaddiem staġonali f'konformità mal-proċeduri skont il-liġi nazzjonali. Kwalunkwe responsabbiltà għandha tkopri kwalunkwe obbligu pendenti li min iħaddem kien ikollu jirrispetta li kieku l-awtorizzazzjoni għall-fini ta' xogħol staġonali ma kientx ġiet irtirata.

Salvagwardji proċedurali.

17. (1) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jew l-awtoritajiet responsabbli għall-ħruġ ta' permessi tax-xogħol, skont il-każ, għandhom jadottaw deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għall-fini ta' xogħol staġonali. Huma għandhom jinnotifikaw id-deċiżjoni lill-applikant bil-miktub mill-aktar fis possibbli iżda mhux aktar tard minn disgħin jum mid-data li fiha kienet ġiet ippreżentata l-applikazzjoni kompluta.

(2) (a) Fil-każ ta' applikazzjoni għal estensjoni tas-soġġorn jew għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni f'konformità mar-regolament 14, għandhom jieħdu l-passi raġonevoli kollha biex jiżguraw li l-ħaddiem staġonali ma jkunx obbligat iwaqqaf ir-relazzjoni tal-impjieg tiegħu jew tagħha mal-istess persuna li tħaddmu, jew li ma jitħalliex jibdel il-persuna li tħaddmu, minħabba proċeduri amministrattivi li jkunu għaddejjin:

Iżda fejn il-validità tal-awtorizzazzjoni għall-fini ta' xogħol staġonali tiskadi matul il-proċedura għall-estensjoni jew it-tiġdid, f'konformità ma' dawn ir-regolamenti, il-ħaddiem staġonali jista' jibqa' f'Malta sa meta tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni, dment li l-applikazzjoni kienet ippreżentata fiż-żmien tal-validità ta' dik l-awtorizzazzjoni u li l-perjodu ta' żmien imsemmi fir-regolament 13 ma skadiex.

(b) Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkomċerant jista' jingħata awtorizzazzjoni temporanja nazzjonali sakemm tittieħed deċiżjoni, li

VERŻJONI ELETTRONIKA

tista' tippermetti lill-ħaddiem staġonali jaħdem sakemm tittieħed dik id-deċiżjoni.

(ċ) Id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw waqt il-perjodu tal-eżaminazzjoni tal-estensjoni jew it-tiġdid tal-applikazzjoni.

(3) Fejn l-informazzjoni jew id-dokumentazzjoni pprovduta b'appoġġ għall-applikazzjoni ma tkunx kompluta, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-applikant f'perijodu raġonevoli dwar l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa u jistabbilixxu skadenza raġonevoli sabiex din tiġi pprovduta. Il-perijodu msemmi fis-subregolament (1) għandu jiġi sospiż sa meta tiġi sottomessa l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa.

(4) (a) Ir-raġunijiet għal deċiżjoni li tiddikjara bħala inammissibbli applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-fini ta' xogħol staġonali jew li tirrifjuta applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-fini ta' xogħol staġonali jew li tirrifjuta estensjoni ta' soġġorn jew tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-finijiet ta' xogħol staġonali għandhom jingħataw bil-miktub lill-applikant. Ir-raġunijiet għal deċiżjoni li tirtira l-awtorizzazzjoni għall-fini ta' xogħol staġonali għandha tingħata bil-miktub kemm lill-ħaddiem staġonali u lil min iħaddem.

(b) In-notifika bil-miktub għandha tispeċifika wkoll l-informazzjoni rigward il-proċedura ta' appell kontra dik id-deċiżjoni li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jkun jista' jintavola quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni skont il-limitu ta' żmien stabbilit fl-Att.

(5) Is-salvagwardji proċedurali rigward il-viżi għal soġġorn qasir huma regolati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

Akkomodazzjoni.

18. (1) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jew l-awtoritajiet responsabbli għall-ħruġ ta' permessi tax-xogħol, skont il-każ, għandhom jesiġu evidenza li l-ħaddiem staġonali ser jibbenefika minn akkomodazzjoni li tiżgura *standard* ta' għajxien adegwat u li kwalunkwe tibdil ta' akkomodazzjoni tal-ħaddiem staġonali jiġi rrappurtat skont hekk.

(2) Fejn l-arranġamenti għall-akkomodazzjoni jsiru minn jew permezz ta' min iħaddem:

(a) il-ħaddiem staġonali jista' jiġi meħtieġ iħallas kera li ma għandhiex tkun eċċessiva meta mqabbla mar-rimunerazzjoni netta tiegħu u meta mqabbla mal-kwalità tal-

VERŻJONI ELETTRONIKA

akkomodazzjoni. Il-kera ma għandhiex tiġi mnaqqsa awtomatikament mill-paga tal-ħaddiem staġonali;

(b) min iħaddem għandu jipprovdi lill-ħaddiem staġonali kuntratt ta' kera jew dokument ekwivalenti li fih huma ddikjarati b'mod ċar il-kondizzjonijiet ta' kera tal-akkomodazzjoni;

(ċ) min iħaddem għandu jiżgura li l-akkomodazzjoni tissodisfa l-i*standards* ġenerali ta' saħħa u sigurtà fis-seħħ skont il-liġi nazzjonali.

TAQSIMA IV

Drittijiet

Drittijiet abbażi tal-awtorizzazzjoni għall-fini ta' xogħol staġonali.

19. Matul il-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni msemmi fir-regolament 11, id-detentur għandu mill-inqas igawdi mid-drittijiet li ġejjin:

(a) id-dritt għal dħul u soġġorn fit-territorju ta' Malta;

(b) l-aċċess liberu fit-territorju kollu ta' Malta;

(ċ) id-dritt li jeżerċita l-attività konkreta tal-impjieg li ġiet awtorizzata skont l-awtorizzazzjoni f'konformità ma' dawn ir-regolamenti.

Dritt għat-trattament ugwali.

20. (1) Il-ħaddiema staġonali huma intitolati għal trattament ugwali meta mqabbla maċ-ċittadini ta' Malta tal-anqas fir-rigward ta':

(a) it-termini ta' impjieg, inkluża l-età minima ta' impjieg, u l- kondizzjonijiet tax-xogħol, inklużi l-paga u s-sensja, is-sigħat tax-xogħol, il-btajjel u l-vakanzi, kif ukoll ir-rekwiżiti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol;

(b) id-dritt tal-istrajkjar u li tittieħed azzjoni industrijali f'konformità mal-Att dwar l-Impjieg u r-Relazzjonijiet Industrijali, u l-libertà ta' assoċjazzjoni u affiljazzjoni u sħubija ta' organizzazzjoni li tirrappreżenta l-ħaddiema jew ta' kwalunkwe organizzazzjoni li l-membri tagħha huma impenjati f'xi xogħol speċifiku, inklużi d-drittijiet u l-benefiċċji konferiti minn organizzazzjonijiet bħal dawn, inkluż id-dritt għan-negozjar u għall-konklużjoni ta' ftehimiet kollettivi, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-ordni pubbliku u s-sigurtà pubblika;

Kap. 352.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) il-pagamenti b'lura li għandhom isiru minn min iħaddem, dwar kwalunkwe rimunerazzjoni pendenti liċ-ċittadin ta' pajjiż terz;

(d) il-fergħat ta' sigurtà soċjali, kif imfissta fl-Artikolu 3 tar- Regolament (KE) Nru 883/2004:

Iżda, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet konformi mar-Regolament (UE) Nru 1231/2010, benefiċċji relatati mal-qgħad kif ukoll għall-familja huma esklużi;

(e) l-aċċess għal prodotti u servizzi u l-provvista ta' prodotti u servizzi li jkunu disponibbli għall-pubbliku, minbarra l-akkomodazzjoni, mingħajr preġudizzju għal-libertà kuntrattwali f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u mal-liġi nazzjonali;

(f) is-servizzi ta' konsulenza dwar ix-xogħol staġonali mogħtija minn Jobsplus għall-finijiet ta' permess ta' xogħol fit-tul;

(g) l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali:

żda l-applikazzjoni għal edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali għandha tkun direttament konnessa mal-attività speċifika ta' xogħol staġonali, bil-premessa illi stipendji, għotjiet għal studji jew manteniment jew self ieħor huma esklużi;

(h) ir-rikonoxximent ta' diplomi, ċertifikati u kwalifiki professjonali oħra, skont ir-Regolamenti dwar il-Kondizzjonijiet ta' Dħul u Residenza ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi għall-Finijiet ta' Impjieg bi Kwalifiki Għoljin;

L.S. 217.15

(i) il-benefiċċji tat-taxxa, kemm-il darba l-ħaddiem staġonali jkun meqjus bħala residenti għal finijiet fiskali f'Malta:

Iżda l-benefiċċji tat-taxxa għandhom ikunu limitati għal każijiet fejn ir-residenza reġistrata jew abitwali tal-membri tal-familja tal-ħaddiem staġonali, li dwarhom jintalbu l-benefiċċji, tkun jfit-territorju ta' Malta:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iżda l-ħaddiema staġonali li jmorru joqogħdu f'pajjiż terz, jew is-superstiti tagħhom li jkunu residenti f'pajjiż terz li jkollhom drittijiet derivanti mill-ħaddiem staġonali, għandhom jirċievu pensjonijiet għax-xjuħ, għall-invaliditàmewt jew statutorji bbażati fuq l-impjieg preċedenti tal-ħaddiem staġonali u miksuba f'konformità mal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali b'dawk l-istess kondizzjonijiet u b'dawk l-istess rati bħalma jkunu dovuti liċ-ċittadini ta' Malta meta jmorru joqogħdu f'pajjiż terz. Kap. 318.

(2) Id-dritt għal trattament ugwali stipulat fis-subregolament (1) għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt taċ-*Chairperson* Eżekuttiv jew l-awtoritajiet responsabbli għall-ħruġ ta' permess tax-xogħol, skont il-każ, li jirtiraw jew li jirrifjutaw li jestendu jew iġeddu l-awtorizzazzjoni għall-fini ta' xogħol staġonali f'konformità mar-regolamenti 8 u 14.

Monitoraġġ, valutazzjonijiet u ispezzjonijiet.

21. (1) L-awtoritajiet pertinenti responsabbli biex jipprevjenu abbużi possibbli u biex jissanzjonaw kontravenzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u kif previst fil-leġislazzjoni nazzjonali għandhom jipprovdu miżuri sabiex jipprevjenu abbużi possibbli u biex jissanzjonaw kontravenzjonijiet.

(2) L-awtoritajiet pertinenti responsabbli għall-ispezzjonijiet tax-xogħol jew awtoritajiet kompetenti oħra, għandu jkollhom aċċess għall-post tax-xogħol u, bi ftehim tal-ħaddiem, għall-akkomodazzjoni.

Faċilitazzjoni dwar ilmenti.

22. (1) Għandhom jiġu assigurati mil-awtoritajiet pertinenti, mekkaniżmi effikaċi li permezz tagħhom ħaddiema staġonali jistgħu jressqu ilmenti kontra l-persuni li jħaddmuhom, direttament jew permezz ta' partijiet terzi li jkollhom, skont il-kriterji stabbiliti fil-liġi nazzjonali, interess leġittimu fl-iżgurar tal-konformità ma' dawn ir-regolamenti.

(2) L-awtoritajiet pertinenti għandhom jassiguraw li l-partijiet terzi li għandhom interess leġittimu, skont il-kriterji stabbiliti mil-liġi nazzjonali, li jiżguraw li jkun hemm konformità ma' dawn ir-regolamenti, jistgħu, jew f'isem il-ħaddiem staġonali, jew b'appoġġ għalih, bl-approvazzjoni tiegħu jew tagħha, ikunu parti fi kwalunkwe proċediment amministrattiv jew ċivili, b'esklużjoni tal-proċeduri u d-deċiżjonijiet fir-rigward ta' viżi għal soġġorn qasir.

(3) L-awtoritajiet pertinenti għandhom jiżguraw li l-ħaddiema staġonali jkollhom l-istess aċċess bħall-ħaddiema l-oħra f'pożizzjoni simili għal miżuri ta' protezzjoni kontra t-tkeċċija jew trattament ħażin ieħor mill-persuna li tħaddem bħala reazzjoni għal ilment fi ħdan l-intrapriża jew għal kwalunkwe proċediment legali maħsub għall-infurzar tal-konformità ma' dawn ir-regolamenti.